VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,461, 7 ta' Awwissu, 2015
Taqsima B

A.L. 245 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce – B. Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B. Com. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B. Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 tal-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) jingħata fil-Commerce bħala Qasam ta' Studju Ewlieni bl-Unuri f'wieħed mill-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin: Banking and Finance, l-Economics, Insurance and Risk Management, Management, Marketing, Public Policy u kwalunkwe qasam ieħor approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord."

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"11. L-istudenti li jtemmu b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors billi jiksbu 180 kredtu jingħataw il-grad ta' Bachelor of Commerce, ħlief jekk jagħżlu li jkomplu għat-Tieni Parti tal-Kors, jekk ikunu eliġibbli skond l-ordinament 13, u jtemmuha b'suċċess."

L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"14. L-istudenti li ma jtemmux it-Tieni Parti jingħataw il-grad ta' Bachelor of Commerce, ikklassifikat skont il-kriterji indikati fil-paragrafu (1) tal-ordinament 16."